**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D.,Ph.D.**

**Appell Nru: 186/2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Alfred Camenzuli**

**Illum, 11 ta' Jannar , 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Alfred Camenzuli** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0462769M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar l-4 ta' Marzu 2022, għall-ħabta ta' 14hrs, waqt li kien fl-inħawi ta' Birzebbugia:

1. Waqt staġun magħluqa għat-tehid tal-għasafar ha jew ipprova jieħu xi għasafar tal-għana u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(c) ta' LS 549.42;

2. Waqt staġun magħluq għat-tehid tal-għasafar, ikaċċja jew ipprova jikkaċċja ha jew ipprova jieħu għasafar li huma protetti taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata tahtha u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' LS 549.42;

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza kont fil-pusses jew kellek fil-kontroll tiegħek jew żammejt kampjuni ta' għasafar kemm hajjin jew mejtin jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-iskeda II ( whud minnhom imnizzla fi Skeda 1), meta dawk l-għasafar ma ġewx iddikjarati mal-awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew il-preċedessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kont fil-pusses ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-AAmbjent u l-Ippjanar jew il-preċedessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dal l-għasfur skond id-disposizzjonijiet tar-regolament (1)(a) jew 6(1)(b) jew kienu ġew mehuda, fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-tehid tagħhom saret skond il-liġi jew, b'xi mod ieħor akkwistati b'mod legali skond id-Direttiva 2009/147/KJE tal-UE jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur tar-regolament 4(1)€ ta' LS549.42;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża għasfur bħala taħrik u għajjat li ma kienux imlibbsa ċurkett li jintuża darba li kien maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar selvaġġi li għandu kodiċi R16U u jew mutazjonijiet tal-Kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u jew bgħula u jew ibridi bi ksur ta' kundizzjonijiet 20 tal-Liċenzja Speċjali għar-riċerka fuq is-sebgħa speċi tal-għasafar tal-Ghana fil-Harifa 2021 u r –Regolament 12(K) ta' LS549.145;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-AL 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat, ordnat l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-AL 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-2 ta' Mejju ,2023, wara li l-Qorti rat ir-regolament 27, 18 (1)(c) u 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif sussegwentament emendat, illiberat lill-qua imputat Alfred Camenzuli mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni filwaqt li qed issibu ħati

tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrieh u konsegwentament **qed tikkundannah għall-multa ta' elfejn Ewro (€2,000).**

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għal sentejn mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Camenzuli, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Mejju ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

Tirrevoka u tirriforma d-deċiżjoni, fejn sabet ħtija u minflok tillibera l-appellant, jew, mingħajr preġudizzju, u fin-nuqqas ta' akkoljiment tal-liberatorja, tagħti fakulta' lill-Appellant sabiex jingħata kopja tas-sentenza u għalhekk seta' ddaħħal l-aggravji adegwati.

Rat l-aggravji tal-appallent Alfred Camenzuli li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

Illi minħabba li l-appellant m'għandux sentenza sabiex ikun jista' jeżamina s-sentenza lilu mogħtija, l-Appellant għandu jiġi liberat mill-Akkużi miġjuba kontrih fit-totalita' tagħhom.

Illi l-Appellant ma jistax jagħmel la konsiderazzjoni kriminali u lanqas kostituzzjonali jekk ma jkollux aċċess għad-decide tal-Ewwel Qorti u l-ħsieb ta' wara sentenza.

Illi l-Appellant qiegħed jirriżerva minn issa d-dritt tar-referenza kostituzzjonali mogħti lilu fil-Kodiċi Kriminali u ta' aktar sottomissjonijiet;

Semgħet lid-Deputata Christine Farrugia tixhed nhar il-5 ta' Settembru, 2023 fejn stqarret illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ma kinitx ġiet imtella online. Dakinhar li ngħatat is-sentenza l-Maġistrat qratha iżda l-akkużi ma kienux ġew inseriti fis-sentenza u għalhekk hi kienet għadditha lil clerk fejn din tal-aħħar kienet ħallithom fuq id-desk tagħha. Hi kienet mingħaliha li bagħtitu lil Maġistrat iżda ma kienet bagħtitu xejn. Ikkonfermat illi wara li kien għadda t-terminu għaddiet kopja lill-Avukat difensur u fil-frattemp hu kien intavola rikors t'appell.

Semgħet il-partijiet jitrattaw nhar il-31 t' Ottubru, 2023.

<u>**Ikkunsidrat,**</u>

Illi preliminarjament din il-Qorti tixtieq tissoleva n-nullita' tar-rikors tal-appell peress illi dan ġie ppreżentat *fuori termine.* Mill-eżami li għamlet il-Qorti tal-atti proċesswali jirriżulta illi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ġġib id-data tat-2 ta' Mejju, 2023. L-appell ġie intavolat mill-appellant fid-19 ta' Mejju, 2023 u ċioe' 13 il-jum tax-xogħol wara, bit-terminu tal-appell allura jibda jiddekorri fit-3 ta' Mejju, 2023, li inzerta l-ewwel jum tax-xogħol wara li ngħatat is-sentenza appellata. Għaldaqstant it-terminu ta' 12-il jum tax-xogħol skont l-Artikolu 417 tal-Kodiċi Kriminali kien jagħlaq fit-18 ta' Mejju, 2023 u għalhekk ir-rikors t'appell ġie ppreżentat jum tard.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-preġudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell sollevat mill-Avukat Ġenerali, tiddikjara l-appell irritu u null billi ppreżentat *fuori termine* u dan skont il-liġi viġenti, w konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**